# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April 2001.**

**Numru 13**

**Appell numru 274/99**

**George Zammit**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell bis-segwenti decizjoni tal-Arbitru nominat taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kap 318) moghtija fit-22 ta' Settembru 1999.

> "Dan l-appell qed isir mid-decizjoni tad-Direttur fejn cahad it-talba tal-appellant ghall-Pensjoni tal-Irtir ghar-raguni li d-Direttur ma hux sodisfatt li l-appellant "*will be earning less than the minimum wage from his economic activity*".
>
> Irrizulta illi l-appellant ghandu 1,500 'A' Shares fil-kumpanija A.G. Investments Limited filwaqt li martu ghandha 500 'A' Shares. L-ishma l-ohra li huma kollha 'B' Shares qeghdin f'isem ulied l-appellant. F'din il-kumpanija l-appellant ghandu l-kontroll assolut permezz tal-'voting power' li jemani mill-imsemmija ishma. Fil-kumpanija Zamco Crowndale Limited il-kumpanija imsemmija A.G. Investments Limited ghandha 24,700 sehem minn 25,000

sehem. Qabel l-1998, meta rtira, l-appellant kien direttur ta' erba' kumpanija b'kollox. Fl-1998 huwa baqa' direttur tal-kumpanija A.G. Investments Limited. L-appellant ipprezenta numru ta' affidavits u cioe' tieghu, taz-zewg uliedu u tal-awditur George Farrugia.

Fl-affidavit tieghu l-appellant xehed hekk :-

"*Jiena ghalaqt il-61 sena fl-4 ta' Jannar 1998. Nghid illi mill-1956, minn meta bdiet in-National Insurance, jiena dejjem hallast il-kontribuzzjonijiet minghajr qatt ma hadt ebda beneficcju. Qabel l-1998 jiena kont Direttur ta' erba' kumpaniji li huma :-*

*Zammit Trading Ltd.*
*Zamco Crowndale Ltd.*
*A.G. Packaging Systems Ltd.*
*Caterware Limited.*

*Dawn il-kumpanija huma l-kumpanija li permezz taghhom kont naghmel negozju. Il-Kumpanija A.G. Investments Ltd. Mhix kumpanija li tinnegozja imma l-funzjoni taghha dejjem kienet li tipprovdi l-kapital lill-kumpaniji l-ohra. Flok li jintuzaw il-banke biex jisilfu lil dawn il-kumpaniji, uzajt il-kapital tieghi investit f'A.G. Investments Ltd. Nispjega li l-ishma ghad ghandi f'A.G. Investments Ltd. ghandhom l-iskop li jiena nkun nista' niehu hsieb l-investimenti tieghi li akkumulajt matul is-snin. Jiena ghandi interess li flusi jigu immanigjati sew.*

*Nerga' nghid li jiena nokkupa l-kariga ta' Direttur BLA HLAS f'A.G. Investments Ltd. sabiex inkun nista' nattendi l-bord meetings biex id-decizjonijiet li jkunu ser jittiehdu nkun cert li bl-ebda mod ma jaffettwaw hazin l-investimenti tieghi li jkunu ser jintuzaw mill-kumpanija l-ohra. Jiena fil-fatt nattendi biss meta l-kumpanija l-ohra jkunu ser jisselfu l-flus ta' A.G. Investments jew ikunu ser jiddisponu minn xi assi ta' l-istess kumpanija. Kieku ridt nibqa' niehu sehem fin-negozju kont nibqa' attiv fil-kumpanija l-ohra li proprjament jaghmlu n-negozju. Sa mill-4 ta' Jannar 1998 jiena ma qlajt l-ebda centezmu la mit-Trading Companies u lanqas minn A.G. Investments Ltd. Id-Diretturi l-ohra kif ukoll l-Awditur tal-kumpaniji li semmejt jistghu jixhdu dan. Mhux minnu dak li ntqal mid-Direttur tas-Sigurta' Socjali li jiena ghandi xi qliegh ta' aktar mill-Minimum Wage ghaliex fil-fatt m'ghandi l-ebda kariga jew xoghol bi qliegh. L-investimenti tieghi f'A.G. Investments Ltd. huma bhal dawk li ghandhom pensjonanti ohra f'forma ta' shares f'kumpaniji jew depoziti f'banek.*

*Ghalhekk peress li m'ghandi l-ebda dhul bi qliegh , ghandi ninghata l-pensjoni sa mill-4 ta' Jannar 1998 meta rtirajt.*"

L-Awditur George Farrugia xehed hekk :-

"*Jiena accountant u awditur u wiehed mill-partners ta' George Farrugia & Co. Ili awditur ta' George Zammit u l-kumpaniji tieghu ghal dawn l-ahhar disa' snin. Fil-fatt jiena nawditja l-kumpaniji A.G. Investments Limited, Zamco Crowndale Limited, Zammit Trading Limited, Caterware Limited, A.G. Packaging Systems Limited.*

*Nghid illi qabel ma George Zammit lahaq l-eta' tal-pensjoni kien il-factotum tal-kumpanija imma minn snin qabel, beda ftit ftit irawwem lill-uliedu fin-negozju, sakemm finalment bdew imexxu kollox huma.*

*George Zammit ili nieqes mill-kumpaniji li semmejt sa mill-1 ta' Jannar 1998. Nghid illi jiena tajtu parir sabiex jaghmel investment company bl-isem ta' A.G. Investments Limited u b'hekk flok joqghod jahdem b'loans mill-banek, ihaddem flusu stess. Fil-fatt din il-kumpanija fiha t-tifdil li ghamel George Zammit matul hajtu.*

*Nghid illi George Zammit m'ghadux jiehu sehem fil-kumpaniji li ghaddew ghand it-tfal. Baqalu investiment fl-Investment Company ghaliex ghandu kull dritt jindokra t-tifdil tieghu stess. Flok flusu qeghdin il-banek, qeghdin f'din il-kumpanija.*

*Nghid li George Zammit ili ma jiehu xi hlas minn xi wahda mill-kumpaniji sa mill-1 ta' Jannar 1998.*

*Ghalhekk, nikkonferma, li wara li ezaminajt anke l-accounts ta' dawn il-kumpaniji, li George Zammit m'ghandu ebda dhul bi qliegh minn dawn il-kumpaniji sa mill-1 ta' Jannar 1998.*

*Jiena ghandi l-awditur ta' dawn il-kumpaniji sa llum."*

L-artikolu 45 tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali jipprovdi illi :-

"***45.*** Persuna taht l-eta' ta' hamsa u sittin sena ghandha tkun skwalifikata milli tircievi pensjoni taht din it-Taqsima matul kull perjodu li fih tkun qed tahdem bi qliegh jekk tonqos li tipprova ghas-sodisfazzjoni tad-Direttur li l-qliegh taghha minn dak ix-xoghol bi qliegh ma jkunx izjed minn medja fil-gimgha li tkun daqs il-Paga Minima Nazzjonali kif applikabbli ghal persuni ta' l-eta' ta' tmintax-il sena jew izjed stabbilita taht Ordni ta' Standard Nazzjonali mahrug taht l-Att li Jirregola l-Kundizzjonijiet ta' l-

Impjieg, u Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig tkun giet avzata kif imiss li hekk tkun qed tahdem bi qlegh.

*Izda ma jigi kalkolat ebda qliegh li jinkiseb minn persuna bhala membru ta' xi bord, kumitat, kummissjoni, jew kunsill imwaqqaf minn jew taht xi ligi jew dawk il-klassijiet ta' qliegh li l-Ministru jista' jiddikjara b'ordni li tigi pubblikata fil-Gazzetta."*

L-Arbitru ra wkoll in-noti ta' osservazzjonijiet pprezentati mill-partijiet u jirrileva illi l-qofol tal-kwistjoni ma hux jekk l-appellant hux qed jircievi dhul mill-imsemmija kumpaniji bhala azzjonista. Id-dhul fil-forma ta' dividends minn ishma ma jiskwalifikawx lil dak li jkun milli jircievi pensjoni tal-irtir. L-artikolu 45 fuq citat jaghmilha cara illi hija skwalifikata dik il-persuna li "*qed tahdem bi qliegh jekk tonqos li tipprova ghas-sodisfazzjoni tad-Direttur li l-qliegh taghha minn dak ix-xoghol bi qliegh ma jkunx izjed minn medja fil-gimgha li tkun daqs il-Paga Minima Nazzjonali*."

Ghalhekk l-ewwel indagini li trid issir hija jekk l-appellant hux "jahdem bi qliegh".

"*Tahdem bi qliegh"* hu definit fl-artikolu 2 tal-Att bhala "*persuna impjegata f'impjieg assigurabbli jew tahdem ghaliha nnifisha."* Il-fatt li persuna tokkupa l-kariga ta' direttur hija konsidrata bhala li wiehed qed jahdem bi qliegh. Fil-fehma ta' Arbitru li wiehed jiddikjara li minn certu data huwa ma baqax jircievi renumerazzjoni ta' dik il-posizzjoni ma hux sufficjenti.

Il-qofol tal-mertu ta' dan l-appell huwa jekk id-Direttur ghandux dritt jezigi illi sabiex persuna tikkwalifika ghall-pensjoni tal-irtir trid bilfors tirrizenja minn Direttur. Id-Direttur tas-Sigurta' Socjali isostni li prattikament dak huwa l-uniku mezz sabiex jassigura ruhu li l-applikant m'ghandux dhul li jeccedi l-paga minima nazzjonali.

L-Artikolu 45 fuq citat jaghti lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali d-diskrezzjoni jiddeciedi dwar jekk fil-fehma tieghu applikant hux qed jaqla' mix-xoghol bi qliegh tieghu aktar mill-paga minima nazzjonali.
Fil-kawza Carmel Cassar et vs Ministru ghall-Izvilupp ta' l-Infrastruttura deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27t a' Novembru 1992 gie ritenut illi :-

*"… il-Qorti m'ghandha l-ebda dritt li tillimita l-operat tal-konvenuti jew li tissindika l-ezercizzju tad-diskrezzjoni amministrattiva li indubbjament ghandhom, sakemm tali diskrezzjoni tkun ezercitata strettament entro ai termini tal-legislazzjoni li bis-sahha taghhom tkun qed tigi operata."*

L-Arbitru jaghmel referenza ghall-appell numru 332/97 minnu deciz fl-4 ta' Marzu 1998 fejn gie ritenut illi :-

"*Id-Direttur isostni illi una volta l-appellant baqa'jzomm il-posizzjoni ta' Direttur f'kumpanija li minnha bhala fatt kien qieghed qabel l-gheluq tal-wiehed u sitting sena jaqla' katar mill-paga minima nazzjonali, allura huwa ma hux sodisfatt li l-qliegh taghha issa hu anqas mill-paga minima nazzjonali sempliciment ghaliex hekk jiddikjara l-appellant.*

*L-Arbitru hu tal-fehma illi d-diskrezzjoni tad-Direttur f'dan ir-rigward ma hiex sindikabbli una volta qed tigi ezercitata fit-termini tal-legislazzjoni li bis-sahha taghha qed tigi adoperata. L-Arbitru ma jistax jissostitwixxi ghad-diskrezzjoni hekk ezercitta tad-Direttur ghaliex altrimenti ma tkun diskrezzjoni xejn."*

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jichad dan l-appell."

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

George Zammit appella minn dik id-decizjoni bil-premessa illi hu ghamel ghomru jhallas il-kontribuzzjoni tas-sigurta' nazzjonali u kif spicca mix-xoghol bhal pensjonanti l-ohra, ippretenda li jiehu l-pensjoni. Iddikjara li xoghol bi qliegh ma jaghmilx. Fir-rikors tal-appell tieghu huwa rribadixxa dak li sostna quddiem l-arbitru illi meta lahaq l-eta' pensjonabbli huwa ma baqax attiv fin-negozju, iddistakka ruhu mis-socjetajiet li kellu li ghaddew f'idejn uliedu. Hu zamm biss interess fis-socjeta' li kellu A. G. Investments Limited li ma kienitx kumpanija tinnegozja imma li kellha l-funzjoni dejjem li tipprovdi kapital lill-kumpaniji l-ohra. Minflok juzaw il-Banek kienu jisselfu minn ghandha. L-appellant allura jsostni li kull ma jaghmel hu li jiehu hsieb l-investimenti tieghu li jakkumula matul is-snin. Kellu allura direttorat

f'din is-socjeta', bla hlas, biex ikun jista' jattendi l-board meetings halli jassigura li "d-decizjonijiet li jkunu ser jittiehdu bl-ebda mod ma jaffettwaw hazin l-investimenti tieghi".

L-appellant jaghmel enfasi fuq id-deposizzjoni tal-awditur tal-kumpaniji li qabel kienu tieghu (tal-appellant) li fiha jikkonferma illi ma kellu l-ebda income minn dawn l-istess socjetajiet. "Ghalhekk nikkonferma wara li ezaminajt l-accounts ta' dawk il-kumpanija li George Zammit m'ghandu l-ebda dhul bi qliegh minn dawn il-kumpaniji sa mill-1 ta' Jannar 1998. Jiena ghadni l-awditur ta' dawn il-kumpaniji sa llum". L-appellant jippretendi illi l-provi li pproduca kellhom ikunu sufficjenti biex jikkonvincu lill-Arbitru u lid-Direttur qablu illi hu ma kienx ghadu 'gainfully employed' u li ma kellu l-ebda dhul bi qliegh. L-artikolu 45 infatti jistipula illi "a person under the age of 65 is disqualified from receiving a pension under this part during any period in which he is gainfully occupied if he fails to prove to the satisfaction of the Director that his earnings from such gainful occupation do not exceed ….." Din id-disposizzjoni kjarament tpoggi l-oneru tal-prova kollu fuq il-persuna kontribwent li titlob li tinghata pensjoni tax-xorta pretiza mill-appellant. Kien hu li kellu jissodisfa lid-Direttur illi d-dhul li indubjament kellu ma kienx gej minn xi forma ta' attivita' ta' negozju, hi x'inhi, kemm diretta u sew indiretta li tkun tikkwalifikaha bhala 'gainfully occupied' imma kien biss tgawdija tal-frott tal-kapitali li akkumula matul iz-zmien.

Ma kienx allura strettament korrett l-appellant meta jghid li hawn si tratta ta' diskrezzjoni li kellu jezercita d-Direttur. Si tratta ghall-kuntrarju ta' prova li hu kellu jgib ghas-sodisfazzjoni tad-Direttur li naturalment kellu jkun l-ewwel arbitru li japprezza dik il-prova u jiddeciedi dwarha. Il-posizzjoni korretta allura kienet illi jekk l-applikant effettivament jipproduci l-prova minnu rikjesta sal-grad li kellha ragjonevolment tikkonvinci lil min kellu jiddeciedi, d-Direttur ma kellu l-ebda diskrezzjoni li jichad it-talba ghall-pensjoni. F'dan il-kuntest allura forsi ma kienitx ghal kollox preciza l-enuncazzjoni tal-arbitru fid-decizjoni appellata illi "id-diskrezzjoni tad-Direttur f'dan ir-rigward ma kienitx sindakabbli una volta kienet qed tigi ezercitata fit-termini ta' legislazzjoni li bis-sahha taghha qed tigi operata". Dan jekk wiehed jaghti s-sinjifikat proprju tat-terminu "diskrezzjoni". Jekk ghall-kuntrarju wiehed jifhem b'dan it-terminu illi d-Direttur kellu jkun l-Imhallef tal-fatt dwar jekk l-applikant kienx jew le 'gainfully occupied', id-decizjoni tieghu maturata wara apprezzament tal-provi u mhux b'ezercizzju diskrezzjonali, kienet sindakabbli mill-arbitru pero' biss sal-punt u f'dawk il-kazijiet fejn jigi provat illi tali decizjoni tkun wahda azzardata u rragjonevoli mhux bazata fuq provi jew fejn jirrizulta illi l-applikant ma kienx inghata l-opportunita' li sewwa jipprova bil-pretensjoni tieghu. L-ezercizzju tal-poteri minn Direttur kien allura certament sindakabbli sal-punt li setgha jigi mistharreg gudizzjarjament, anke mill-Arbitru fil-limiti appena traccjati. Fil-kaz taht ezami din il-Qorti hi sodisfatta illi d-Direttur wasal ghad-decizjoni tieghu wara li sewwa apprezza l-provi li ngiebu

quddiemu intra vires il-poteri tieghu. Din il-Qorti ma tara xejn li jgaghlha tiddisturba l-apprezzament li ghamel id-Direttur ta' dawn il-provi u taqbel mal-Arbitru illi c-cirkostanzi fattwali kienu tali illi jiggustifikaw l-evalwazzjoni maghmula mid-Direttur. Decizjoni li tista' facilment tigi rikonciljata mal-ezercizzju korrett tal-poteri tad-Direttur sorretta mir rizultanzi fattwali. Ma kienx allura l-kaz li din il-Qorti tindaga oltre l-operat tad-Direttur u d-decizjoni arbitrali hi f'dan is-sens korretta.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez kontra l-appellant.

Dep/Reg

mg